MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 151/2003

**Alfred Mifsud**

**vs**

**Raymond Bugeja**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm505.75) rapprezentanti danni sofferti mill-attur minhabba l-kollizzjoni li grat fi Triq Sant'Anna, f'Awissu 2002 bejn il-vettura tat-tip Nissan Vanette numru tar-registrazzjoni MTS 002 propjeta' tal-attur u l-vettura misjuqa mill-konvenut ghall-liema ncident kien unikament respponsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta’ Novembru 2002 u dawk tal-ittra uffiiicjali prezentata kontestwalment mal-Avviz u bl-imghax legali ta’ 8% b’effett mid-data tal-ewwel ittra uffficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi l-konvenut accetta r-responsabilita’ ghall-incident awtomobilistiku (fil-fatt ghamel il-claim relattiv) pero’ jikkontesta l-ammont tad-danni reklamati bhala eccessivi u fi kwalunkwe kaz l-eccipjent m’ghandux ibati ebda spejjes gudizzjariji anki minhabba l-fatt li l-eccipjent ser jghaddi biex jiddeppozita l-ammont ta’ danni mhux kontestati fis-somma ta’ Lm335.00.
Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema’ x-xhieda tal-attur, ta’ Martin Galea, John Caruana, Jesmond Pace, Claudette Fenech u Natalino Aguis. Ha konjzzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avunati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Il-kaz jirrigwaarda danni kawzati mill-konvenut fil-vann propjeta’ tal-attur waqt incident awtomobilistiku li sehh f’Awissu 2002. Ir-responsabilita’ ghall-incident hija ammessa izda l-konvenut, jew ahjar l-assikurazzjoni tieghu, qed tikkontesta l-quantum tad-danni reklamati. Min-nota esebita a fol. 51 tal-process jirrizulta li l-aasikurazzjoni tal;-konvenut qed tikkontesta parti mill-granet reklamati mill-attur ghall-kiri ta’ vann iehor sakemm jitlestew ix-xoghlijiet ( l-attur qed jitlob li jithallas ghal sbatax il-gurnata *loss of use* filwaqt li l-assikurazzjoni disposta thallas biss ghall disat ijiem) u l-ammont ta’ Lm30.00 Vat u dan peress li l-attur huwa *VAT Registered* u jista’ ghalhekk jirkupra dan l-ammont minghand id-Dipartiment tal-VAT. Il-hsara fil-vann propjeta’ tal-attur kienet fuq il-bibien ta’ wara, liema bibien kellhom jinbidlu.

Il-vann kien jintuza ghan-negozju tal-attur u kellu jsir xi xoghol ta’ *airbrush painting* fuq dawn il-bibien. Meta l-vann ittiehed ghand il-persuna li kellha taghmel dan ix-xoghol ta’ *airbrush painting* l-attur gie nfurmat li l-bibien l-ewwel kellhom jigu *sprayed* bojod u dan ix-xoghol kellu jsir minn *sprayer*. Meta l-*isprayer* prova jikkomunika mas-*surveyor* imqabbad mill-asssikurazzjoni, certu Natalino Aguis, sabiex jigi awtorizzat jaghmel dan ix-xoghol ta’ spray, huwa ma rnexxilux jikkomunika mieghu mal-ewwel peresss li s-*surveyor* kien imsiefer.

Fil-fehma tat-Tribunal il-problema kollha nqalghet minhabba nuqqas ta’ ko-ordinazzjoni berjn *is-surveyor* u l-assikurazzjoni min-naha u l-haddiema li kienu ser jaghmlu x-xoghlijiet u l-attur miiin-naha l-ohra. Mill-provi rrizulta ampjament li l-attur ikkomunika diversi drabi mal-assikurazzjoni sabiex jinfurmahom dwar dak li kien ser jaghmel. Il-hadddiema li ghamlu x-xoghlijiet in kwistjoni kollha kkonfermaw li kien hemm diffikolta’ kbira sabiex jigi kkuntatjat is-*surveyor* u l-istess *surveyor* ikkonferma li huwa kien imsiefer ghal xi ftit granet. Inoltre Claudette Fenech, ir-rapprezentanta tal-assikurazzjoni tal-konvenut ikkonfermat li hija qatt ma nfurmat lill-attur li s-*surveyor* kien ser ikun imsiefer. It-Tribunal jidhirlu li id-disgwid u n-nuqqas ta’ ko-orfinazzjoni huwa unikament attriwibbli lis-*surveyor* u l-assikurazzjoni tal-konvenut u li bl-ebda mod ma jista’ jinghad li l-attur naqas mill-obbligu tieghu ta’ danneggjat, u cioe’ dak li jimminimizza d-danni. Mill-provi rrizulta soddisfacentement li huwa agixxa ta’ *bonus paterfamilias* u nforma lill-assikurazzjoni pass pass dwar dak li kien ser jaghmel. It-Tribunal jidhirlu li l-attur m’ghandux ibati ghan-nuqqas ta’ ko-ordinazzjoni da parrti tal-assikurazzjoni tal-konvenut u tas-*surveyor.*

Ghal din irr-aguni l-konvenut ser jigi kkundannat ihallas l-ammont kollu mitlub bhala *loss of use*.

In kwantu jirrigwarda l-ammont ta’ Lm30 VAT li wkoll qed jigu kontestati mill-konvenut, it-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut fir-rigward u jirritjeni li una volta li l-attur ser jirkupra dan l-ammont imhalas bhala VAT minghand il-VAT Department, huwa ma jsitghax jitlob dan

l-ammont minghand il-konvenut ghaliex altrimenti jkun qed jithallas darbtejn ghall-istess haga u dan certament jista' jitqies bhala arrikkiment ingust.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta'' erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm475.75) u jikunfanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan l-ammont ta' erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm475.75), bl-imghax pagabbli mid-29 ta' Novembru 2002 sad-data tal-effettiv paagament.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------